Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 384 / 2015

Il-Pulizija

vs

**Donald Micallef**

Illum, 18 ta' Gunju 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Donald Micallef, iben Francis, imwieled Pieta' , fis-6 ta' April, 1982, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 207082 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-kwalita' tiegħu ta' prinċipal u/jew rapprezentant ġuridiku tal-entita' kummerċjali ' *Treasure Island Snorkelling'* , b' indirizz reġistrat Ville Belle Plage, Shipwreck Promenade, Xemxija, Malta u/jew bħala l-persuna li kien inkarigat mill-istess entita' kummerċjali sabiex iħallas il-pagi dovuti, naqas li jħallas l-pagi dovuti għall-perijodu ta' bejn il-25 t' April 2014 u t-2 ta' Mejju 2014, li b' kollox jammontaw għal mija u ħmistax il-ewro (€115), inkluzi t-taxxa u l-bolla, liema ammont kien dovut lill-ex impjegat tiegħu, u ċioe' lil Victor Vella Critien (ID Numru 0370164M), fit-2 ta' Mejju 2014;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Lulju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 5, 22(1), 22(2), 23, 36, 45, 46, u 47(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta'

Malta, ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ghalhekk illiberatu mill-istess akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta' Lulju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar ' l fuq f' dan l-umli appell, tgħaddi biex tiddisponi minn dan il-każ skond il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi fil-15 ta' Lulju 2015, l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet manifestament żbaljata u għamlet eneuċazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-liġi meta lliberat lill-appellat mill-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell ai termini ta' l-artikolu 413 (1) (b) (*vi*) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f' li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellat abbażi tal-fatt li fil-proċeduri odjerni ma nstemgħet ebda forma ta' prova - infatti la l-*parte civile* Victor Vella Critien u lanqas r-rapprezentant tal-ETC ma tħallew jixhdu fil-proċeduri odjerni;

Illi, jiġi rilevat immedjatament illi fis-seduta ta' l-25 ta' Marzu 2015, fejn dehret biss il-parte ċivile, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddifferiet il-kawża fl-ismijiet fuq premessi, u dana minħabba li l-imputat naqas milli jidher;

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2015, skont il-verbal a fol. 5 tal-Atti Proċesswali jidher illi sar hekk –

*Meta ssejħet il-kawza deher l-imputat u Dr Lynn Spiteri Dalmas u Dr Elizabeth Borg għad-Dipartiment għall-Prosekuzzjoni WPC 359 Christabelle Zammit.*

*Deher l-imputat.*

*Deher Mario Galea.*

*Deċiza liberat*

Illi effettivament, jidher biċ-ċar li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma semgħet ebda traċċa ta' prova fil-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi. Aktar agħar minn hekk, la l-*parte civile* Victor Vella Critien u lanqas r-rapprezentant tal-ETC, li kienu xhieda importanti tal-Prosekuzzjoni, ma ingħataw l-opportunita' jixhdu fil-proċeduri odjerni. Mingħajr ebda ombra ta' dubju, fil-każ *de quo,* dawn iz-zewġ xhieda kienu xhieda **indispensabbli** għas-suċċess tal-proċeduri fil-konfront ta' l-appellat. B' kull rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata li ma semgħetx lil dawn iz-zewġ xhieda. B' hekk l-istess Qorti ċaħħdet lill-prosekuzzjoni mid-dritt għal xhud indispensabbli, u, kwindi, kienet aktar u aktar żbaljata meta fid-dawl ta' dan kollu għaddiet sabiex tillibera lill-appellat;

Illi **strettament mingħajr preġudizzju għall-fuq espost**, jekk wieħed jagħmel ukoll referenza għad-diċitura tal-liġi, u, senjatament, l-artikoli 374 u 375 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, m' huwiex speċifikat b' ebda mod illi l-provi f' kawża sommarja għandhom jinstemgħu f' seduta waħda biss u dan peress li l-liġi tgħid biss illi ' *t-tmexxija tal-kawża għandha ssir fil-qosor u bil-fomm u fl-ordni…*[1]' kif preskritt fl-artikolu 374 b' applikazzjoni ukoll għall-artikolu 375.[2] Kwindi filwaqt li huwa rikonoxxut li l-kawża sommarja m' għandhiex iddum tkaxkar inutilment (*ergo* t-terminu ' sommarja' ) il-liġi ma tispeċifikax li kull prova trid bilfors tinstema f' darba allavolja hekk ikun desiderabbli;

---

[1] Artikolu 374(i): *(i) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jesponi l-fatt tar-reat u jġib il-provi tiegħu;*
*(ii) il-kwerelat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jagħmel id-difiża tiegħu u jġib il-provi tiegħu;*
*(iii) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jista' jirreplika, u l-kwerelat jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu jista' jagħmel kontra-replika:*
*Iżda l-qorti tista' , għal raġuni tajba, tqassam xorta oħra l-ordni tas-smigħ tal-kawża;*

[2] Artiklu 375(c): *l-uffiċjal tal-Pulizija Ezekuttiva, li bih titmexxa l-azzjoni, u l-imputat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu, jinstemgħu fl-ordni msemmi fil-paragrafu (i) tal-aħħar artikolu qabel dan;*

Illi *inoltre* jekk wieħed jara wkoll l-artikolu 377 (1) tal-Kodiċi Kriminali, li jittratta l-għoti tas-sentenża f' kawża sommarja jingħad li ' *meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża*[3], *il-qorti, dakinhar stess,* *jekk jista jkun*[4], *tagħti sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputat'* . Illi minn dan l-artikolu tal-liġi l-esponent jislet żewġ punti: (1) fl-ewwel lok is-sentenza għandha tingħata meta jingħalaq is-smiegħ tal-kawża,u, (2) fit-tieni lok, ma hemm ebda obbligu riġidu li l-Qorti trid tagħti s-sentenza tagħha dakinhar stess li tinstema' l-kawża. Issa fil-każ *de quo* l-prosekuzzjoni f' ebda ħin ma ddikjarat li kienet qed tagħlaq il-provi. Għall-kuntrarju l-prosekuzzjoni kienet għadha lanqas biss bdiet tippreżenta l-provi tagħha! Dan ma kienx għal xi raġuni mputabbli lill-prosekuzzjoni, iżda, sfortunatament, għal raġuni ' mputabbli' lill-Onorabbli Qorti li naqset milli tisma' kwalunkwe prova, speċifikament lill-*parte civile* Victor Vella Critien u lir-rapprezentant tal-ETC;

Illi *inoltre*, fil-każ **il-Pulizija vs Clive Debono**, deċiża minn din l-Onorabbli Qorti ppreseduta mill-Imħallef J. Galea Debono (14/9/2004) ingħad illi l-fatt li ma jidhirx xhud jew xhieda ma tiġġustifikax lill-Qorti tippriva lill-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli, u taqbad u tgħaddi għas-sentenza. Kwindi, dejjem bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-istess Onorabbli Qorti ma setgħetx legalment u raġjonevolment iccaħħad lill-prosekuzzjoni minn din il-prova ndispensabbli.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi f'din il-kawa sommarja inzammu diversi seduti fejn gie registat is-egwenti:-

[3] Enfazi tal-appellant.
[4] Enfazi tal-appellant.

1. Fil-25 ta' Marzu, 2015 deher il-parte civile u l-prosekuzzjoni u rappresentant tad-dipartiment. Pero l-appellant ma kienx gie notifikat u ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat li jitpogga fuq il-lista tal-Wanted persons, u ddiferiet il-kawza ghas-7 ta' Ottubru, 2015 bil-fakolta li tirrikjama l-kawza f'kaz li l-appellant jinstab qabel.
2. Fi-18 ta' Gunju, 2015 l-appellant deher il-Qorti eskortat mill-pulizija tad-distrett. Dehru ukoll l-ufficcjal prosekutur u rappresentant tad-Dipartiment u l-kawza giet differita ghat-8 ta' Lulju, 2015
3. Fot-8 ta' Lulju 2015 deher l-appellant, l-ufficcjal prosekutur u rappresentant tad-dipartiment u dak in-nhar il-Qorti ghaddiet biex taghti sentenza u illiberat lill-appellant minn kul imputazzjoni u piena .
4. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ddikjarat is-segwenti:-

> *" Wara li rat l-provi prodotti u ezaminat d-dokumenti esebiti.*
> *Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.*
> *Wara li semghet ix-xhieda imresqa*
> *Wara li rat l-artikoli tal-ligi, il-Qorti illiberat lill-apppellant ghaliex l-imputat mhux rappresentant legali ta treasure Island snorklling."*

L-Avukat Generali interpona appell u dan ghaliex hass ruhu aggravat mis-sentenza moghtija *"u dan ghaliex kuntrarjament ghal dak li intqal fis-sentenza ma instemghu l-ebda provi quddiem il-ewwel Qorti u fil-fatt ighid li la l-parte civile Victor Vella Critein u lanqas ir- rappresentant tal- ETC ma thallew jixhdu f'dawn il-proceduri."*

Jidher li in effetti f'din il-kawza in realta verament il-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda xhud jixhed u lanqas ma esebiet xi dokumenti u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qalet li semghet ix-xhieda u rat il-provi prodotti u dan ghaliex provi ma kienx hemm.

Illi pero din il-Qorti trid tara jekk l-ewwel Qorti ghamlitx sew li imbaghad ghaddiet biex taghti sentenza u tillibera lill-appellant minn kul imputatzzjoni u piena.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi din il-Qorti, ( diversament preseduta , fis-sentenza taghha fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Anne Montfort**[5]" kellha okkazzjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza rilevanti ghall-dan it-tip t'incident u ccitat b' approvazzjoni ssentenza taghha "**Il-Pulizija vs. Clive Debono**[6]" fejn saret ukoll riferenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta: "**Il-Pulizija vs. Mario Saliba**[7];; "**Il-Pulizija vs. Mario Magri**[8]"; "**Il-Pulizija vs. Francis Callus**[9]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zarb**[10]"; "**Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et.**[11]" u "**l-Pulizija vs. Francis Borg**.[12]"

"Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri**[13]"], li, ladarba ix-xhud ikun debitament notifikat u sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, (emfasi ta' din il-Qorti) il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441 (4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap.9, . (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**[14]" u ohrajn ).

Hu minnu wkoll li, kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell , l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe' il-Prosekuzzjoni rapprezentata mill- Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373
tal-Kap.9 , l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Pierre Schembri**[15]"] u ohrajn.)"

F' sitwazzjoni simili, jekk xhud, debitament notifikat biex jidher quddiem il-Qorti, jonqos li jaghmel hekk, sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, il-Qorti ma tistax tghaddi ghas-sentenza imma ghandha rimedji ohra. Altrimenti l-kawzi w l-ezitu

---
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar it-30 ta Settembru 2004
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar l-14 ta Settembru 2004
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar il-15 ta Ottubru 1982
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar it-28 ta Mejju 1993
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar it-30 ta Settembru, 1993
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar it-22 ta Ottubru 1993
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar it-3 ta Dicembru, 1993
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar l-10 ta Dicembru 1993
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar il-5 ta Jannar 1996
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar il-25 ta' Lulju 1994
[15] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar it-8 ta Jannar 1996

taghhom jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le. (ara "**Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri**[16]" ). Mhux biss izda talli meta jirrizulta li dak ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz tal-prosekuzzjoni (kif kien fil-kaz odjern), il-Qorti ghandha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhud kif provvdut fl-artikolu 441

(4) tal-Kodici Kriminali. Jekk dan ma jsirx, l-Avukat Generali ikollu d-dritt ta' appell skond l-artikolu 413 (1) (b) (vi). (ara "**Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**[17]").

F' sitwazzjoni simili, l-Qorti ma tistax tibqa' ghaddejja qiesu ma gara xejn. Bhala minimu dik il-Qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghall-ammenda w, kemm il-darba il-Qorti ma tkunx tal-fehma (li ma kienetx fil-kaz odjern) li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, l-Qorti ghandha ukoll tordna li dak ix-xhud jingieb b' mandat t' akkumpanjament jew b' mandat t' arrest (art. 441 (4) u 525 (1) (a) tal-Kodici Kriminali.) Anqas ma huwa argument validu dak li jigi ta' spiss ventilat quddiem il- Qrati Inferjuri w cioe' li x-xhud kellu interess li jidher u li allura, la ma deherx, il-Qorti ghandha tibqa' ghaddejja u kif jigri ta' spiss, tillibera. L-interess principali fil-proceduri

penali hu tal-partijiet : il-prosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kazijiet kontemplati fl-artikolu 373, l-offiz/ kwerrelant) u l-imputat. Ghandu kemm ghandu interess xhud fl-ezitu tal-kawza, ma jistax impunement, u hlief fil-kazijiet kontemplati mill-ligi, jippriva lill-parti li tkun harrkitu mid-depozizzjoni tieghu. (ara "**Il-Pulizija vs. Pierre Schembri**[18]").

Illi f' dan il-kaz, pero' la giet prodotta riferta pozittiva taz-zewg xhieda tal-prosekuzzjoni fuq imsemmija u lanqas gie identifikat bhala xhud tal prosekuzzjoni r-rappresentant tal MFSA sabeix jixhed dwar ir rappresentanza tal-entita kummercjali Treasure Island Snorkeling u imkien ma tirrizulta li l-prosekuzzjoni tablet ghal xi differiment sabiex tressaq il- provi taghha. Mentri f' dan il-kaz, bhala minimu l-Prosekuzzjoni missha tenniet li kellha x-xhieda li kienet tqis li huma indispensabbli.

Ghalhekk in vista ta' nuqqas ta'-dikjarazzjoni f'danir-rigward tali agir jammonta ghal rinunzja ghaz-zewg xhieda, u konsegwentement l-Ewwel Qorti setghet liberament

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar il-5 ta Jannar 1996
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar is-25 ta Lulju 1994
[18] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar it-8 ta Jannar 1996

tghaddi ghas-sentenza u konsegwentement, fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li sar ma kienx jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali li jkun jinkwadra taht l-artikolu 413 (1) (b) (vi) tal-Kodici Kriminali, li jaghti dritt t' appell lill-Avukat Generali f' kazijiet analogi.

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell tal-Avukat Generali .

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur